MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-27 ta' April, 2004

Talba Numru. 101/2003

**Maltacom p.l.c.**
**vs**

**Charles Dimech**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Jannar, 2003, fejn intalab il-hlas ta' mija u erbgha u hamsin lira Maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm154.87), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' hsarat fuq infrastruttura tas-socjeta` attrici fi Triq Notabile, Mriehel, fis-27 ta' Lulju, 2001, skond invoice mibghuta lilu bin-numru 8750 u kont lilu mibghut fis-16 ta' Ottubru, 2001.**
**Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.**
**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata Settembru, 2002, u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra li fis-seduta tal-25 ta' Marzu, 2004, deher id-difensur tal-konvenut li ddikjara li qed jikkontesta t-talba fis-sens li ma kienx hu li esegwixxa x-xogholijiet.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-20 ta' April, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' qatt ma deher.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut, peress illi t-talba tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u erbgha u hamsin lira Maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm154.87) bl-imghax legali mit-30 ta' Settembru, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta' Settembru, 2003, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------